

RURAL PACT

Nagħtu s-setgħa lill-komunitajiet biex jieħdu azzjoni għall-viżjoni rurali

Dokument ta' Sintesi

Diċembru 2024

Werrej

1. Introduzzjoni	1
2. Għaliex il-Patt Rurali huwa importanti għall-komunitajiet lokali?	2
3. X'hemm bżonn isir biex il-Patt Rurali jitqarreb aktar lejn iċ-ċittadini?	3
4. X'għandhom jagħmlu l-atturi lokali?	4
4.1 Jingħaqdu taħt it-tmexxija ta' mexxej lokali li jixpruna l-proċess trasformattiv lokali	4
4.2 Jadottaw sistema organizzazzjonali xierqa li tippermetti parteċipazzjoni wiesgħa	4
4.3 Jaqblu fuq viżjoni u pjan kondiviżi b'azzjonijiet trasformattivi wisgħin	5
5. X'għandhom jagħmlu dawk li jfasslu l-politika biex jippermettu li tittieħed azzjoni?	6
5.1 Jagħrfu lill-mexxejja lokali u s-sistemi organizzazzjonali tagħhom bħala sħab f'governanza ġenwina fuq diversi livelli	6
5.2 Jorganizzaw u/jew jiffinanzjaw il-bini tal-kapaċitajiet lokali	6
5.3 Foster coordinated action	7
5.4 Itejbju l-aċċess għall-finanzjament u jnaqqsu l-burokrazija	7

L-informazzjoni u l-opinjoni ippreżentati f'dan id-dokument huma tal-awtur(i) u mhux neċessarjament jirriflettu l-opinjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma tiggarantix il-preċiżjoni tal-ebda data inkluża, u lanqas ma tista' tinżamm responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'din il-pubblikazzjoni.



1. Introduzzjoni

Ż-żoni rurali huma essenzjali għall-identità u għall-benesseri tal-Ewropa. Madankollu, il-komunitajiet rurali madwar l-Unjoni Ewropea (UE) qed jiffaċċjaw għadd ta' sfidi, li jinkludu: id-depopolazzjoni u t-tixjiħ; id-deterjorament tas-servizzi pubbliċi bħall-edukazzjoni, is-saħħa jew it-trasport; it-tnaqqis fl-introjt mill-industriji primarji; u l-konsegwenzi negattivi tat-tibdil fil-klima.

Il-politiki pubbliċi qed jippruvaw jindirizzaw dawn l-isfidi, iżda dan ir-rispons jista' jkun limitat minħabba nuqqas ta' koordinazzjoni bejn setturi differenti, nuqqas ta' finanzjament, burokrazija jew tentattivi biex jiġu applikati soluzzjonijiet ta' "universalità", mingħajr ma titqies l-ispeċifità ta' kull żona.



Jekk tixtieq tkun taf kif il-Patt Rurali jista' jgħin lill-komunità lokali tiegħek, dan id-dokument ta' sintesi jgħodd għalik!

2. Għaliex il-Patt Rurali huwa importanti għall-komunitajiet lokali?

F l-2021, il-Kummissjoni Ewropea, wara konsultazzjoni ma' diversi partijiet ikkonċernati, żviluppat [viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE sal-2040](#) (LTVRA — viżjoni rurali). Il-kisbiet ewlenin tal-viżjoni rurali u l-perkorsi li se jiġu segwiti huma deskritti fir-[rapport](#) tal-Kummissjoni ta' Marzu 2024.

Il-Kummissjoni implimentat ukoll il-Patt Rurali — mekkaniżmu kollaborattiv biex jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati tal-UE fit-teħid ta' azzjoni għall-viżjoni rurali. Il-Patt għandu l-għan li jagħti prijoriżà akbar lill-kwistjonijiet rurali fl-aġendi politiċi, jibni l-kapaċitajiet permezz ta' taġġim bejn il-pari u networking, u jhegġegħ l-azzjoni.

Biex jikkumplimentaw l-inizjattiva tal-Kummissjoni, ħafna awtoritajiet pubbliċi qegħdin jistabbilixxu oqfsa istituzzjonali ġodda jew isaħħu dawk eżistenti biex jagħtu spinta lill-politiki rurali taġġhom u, għalhekk, biex il-Patt Rurali jitwettaq fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Madankollu, hemm bżonn ta' sforz aktar sostnut biex jiġi aċċertat li l-benefiċċji tal-Patt ikunu jistgħu jilħqu lill-komunitajiet lokali fil-livell tal-irħula, tal-muniċipalitajiet jew dak sottoreġjonali

Għaxar għanijiet kondiviżi tal-viżjoni rurali tal-UE

1. Spazji attraenti, żviluppati f'kuntest ta' żvilupp territorjali armonizzat
2. Involvement f'governanza f'diversi livelli u bbażata fuq il-post
3. Fornituri tas-sigurtà tal-ikel, ta' opportunitajiet ekonomiċi, ta' oġġetti u ta' servizzi għas-soċjetà aktar ġenerali
4. Komunitajiet dinamiċi li jiffukaw fuq il-benesseri
5. Komunitajiet inklużivi
6. Sorsi tan-natura li jiffjorixxu
7. Benefiċċju sħiħ mill-innovazzjoni diġitali
8. Persuni intraprenditorjali, innovattivi u tas-sengħa
9. Postijiet vivaċi mgħammra b'servizzi pubbliċi u privati effiċjenti, aċċessibbli u affidabbli
10. Postijiet ta' diversità

Membri tal-Patt Rurali



L-awtoritajiet pubbliċi
fil-livelli lokali,
reġjonali, nazzjonali u
tal-UE



L-organizzazzjonijiet
tas-soċjetà ċivili



In-negożji u
l-organizzazzjonijiet
tan-negożju



L-istituzzjonijiet
akkademiċi u tar-riċerka



lċ-ċittadini

Il-Patt Rurali kif jista' jgħin lill-komunitajiet lokali?

Il-benefiċċji potenzjali għall-komunitajiet rurali

- ✓ **Sensibilizzazzjoni** fost l-awtoritajiet u l-pubbliku ġenerali dwar l-importanza taż-żoni rurali
- ✓ Jingħata spazju u appoġġ lill-**ilħna rurali biex jinstemgħu** fil-proċessi u fil-korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u fil-promozzjoni ta' appoġġ politiku msaħħa għaż-żoni rurali
- ✓ **Ħarsien tal-politiki kollha** — l-akkomodazzjoni, is-saħħa, l-edukazzjoni, il-mobilità — mill-perspettiva tal-**ħtiġijiet rurali**, u l-iffaċilitar tal-involvement tal-komunitajiet fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' dawk il-politiki
- ✓ Jingħata spazju għall-iskambju u għat-**tagħlim reċiproku**
- ✓ Titjib tal-**kapaċità tal-atturi lokali** billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għarfien, għall-ħiliet tekniċi, għall-informazzjoni dwar il-finanzjament u għall-kapaċità ta' implimentazzjoni biex jiġu identifikati u indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet rurali
- ✓ Jiġu identifikati u jinxtardu **prattiki li jnisslu ispirazzjoni**
- ✓ Jiġu mmobilizzati l-partijiet ikkonċernati biex ifasslu, jippjanaw u jimplimentaw **viżjoni strateġika u azzjonijiet** għall-bidla rurali
- ✓ Il-promozzjoni tal-**koordinazzjoni** msaħħa **tal-politiki** biex jiġu indirizzati l-isfidi rurali b'mod komprensiv


Rabta ma' objettiv tal-Patt Rurali

- ✓ Objettiv Nru 1: **L-amplifikazzjoni tal-ilħna rurali u l-prijorizzazzjoni taġġhom fl-aġenda politika**
- ✓ Objettiv Nru 2: **L-iffaċilitar tan-networking, tal-kollaborazzjoni u tat-tagħlim reċiproku**
- ✓ Objettiv Nru 3: **It-thegħiġ ta' impenji volontarji biex tittieħed azzjoni għall-viżjoni**

Madankollu, biex il-komunitajiet rurali jiegħdu vantaġġ sħiħ minn dawn il-benefiċċji, il-gvernijiet nazzjonali jew reġjonali jridu jistabbilixxu għadd ta' ingredjenti fil-livell tat-tfassil tal-politika. Tkun meħtieġa tmexxija politika b'saħħha, u jkunu meħtieġa wkoll mekkaniżmi biex jiġu involuti l-komunitajiet rurali u jiġu ffaċilitati n-networking u t-tagħlim bejn il-pari, l-istrateġija fit-tul u l-pjan ta' azzjoni, il-verifika rurali, l-integrazzjoni u l-koordinazzjoni tal-politiki settorjali u tas-sorsi ta' finanzjament. Dawk l-elementi ġew deskritti fil-pubblikazzjoni "[Biex il-Patt Rurali jsir realtà fl-Istati Membri](#)" u f'rapport dwar fatturi li jippermettu r-rilanċ rurali, "[Enabling factors for rural revitalisation](#)".

Filwaqt li huwa essenzjali li tittieħed azzjoni fuq it-tfassil estensiv tal-politiki nazzjonali jew reġjonali li jaffettwaw iż-żoni rurali, dan ma huwiex biżżejjed biex jiġi żgurat li **l-komunitajiet lokali individwali jibbenefikaw mill-Patt Rurali** u jkunu jistgħu jiegħdu azzjoni effettiva fir-rigward tal-oġġettivi tal-viżjoni rurali. Dan jeħtieġ sforz konċertat mill-atturi lokali — inklużi s-soċjetà ċivili u l-entitajiet privati, l-awtoritajiet u atturi pubbliċi oħrajn — kif ukoll minn dawk li jfasslu l-politika fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

Tqarrib tal-Patt Rurali lejn iċ-ċittadini: min hemm bżonn li jagħmel xiex?



3. X'hemm bżonn isir biex il-Patt Rurali jitqarreb aktar lejn iċ-ċittadini?

Iż-żoni rurali huma diversi ħafna, ma hemm **l-ebda approċċ ta' universalità**. Il-komunitajiet rurali jsibu soluzzjonijiet differenti biex jiżviluppaw rispons imfassal apposta għall-isfidi u l-opportunitajiet lokali tagħhom.

Madankollu, hemm għadd ta' elementi importanti li jiffaċilitaw il-proċessi trasformativi lokali u jagħtu s-setgħa lill-komunitajiet lokali biex jiegħdu azzjoni. Uħud minn dawn l-elementi jiġu implimentati mill-komunitajiet lokali nfushom, filwaqt li oħrajn ikollhom jiġu pprovduti minn awtoritajiet ta' livell ogħla biex jistabbilixxu ambjent li jippermetti li tittieħed azzjoni.

Kull **komunità rurali** trid tiżviluppa l-inizjattivi tagħha stess li jwieġbu għall-ħtiġijiet u għall-opportunitajiet speċifiċi tagħha, b'mod konformi mal-kuntesti kulturali u legali tagħha. B'mod partikolari, huwa rrakkomandat li l-komunitajiet rurali:

- **Jingħaqdu taħt it-tmexxija ta' mexxejja lokali** — persuna/i jew organizzazzjoni(jiet) li jistgħu jixprunaw it-trasformazzjoni taż-żona rurali;
- Jadottaw **sistema organizzazzjonali** xierqa (struttura u mekkaniżmi tat-tehdid ta' deċiżjonijiet) li tippermetti parteċipazzjoni wiesgħa;
- Jaqblu fuq **viżjoni u pjan kondiviżi**, b'azzjonijiet trasformativi wiesgħa, li jinkludu l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet u tal-opportunitajiet.

Iridu jittieħdu wkoll diversi azzjonijiet mill-**awtoritajiet ta' livell ogħla** fil-livelli reġjonali, nazzjonali u Ewropej biex tiġi stimulata u appoġġata l-azzjoni trasformativa lokali. Dawn l-awtoritajiet għandhom, b'mod partikolari:

- **Jagħrfu lill-mexxejja lokali** u lis-sistemi organizzazzjonali tagħhom **bħala sħab** f'governanza ġenwina f'diversi livelli;
- Jorganizzaw u/jew jiffinanzjaw **il-bini tal-kapaċitajiet lokali**;
- Irawmu **azzjoni koordinata** tal-politiki u tal-flussi ta' finanzjament rilevanti kollha;
- Itejbu l-**aċċess għall-finanzjament** u jnaqqsu l-burokrazija.

4. X'għandhom jagħmlu l-atturi lokali?

4.1 Jingħaqdu taħt it-tmexxija ta' mexxej lokali li jixpruna l-proċess trasformattiv lokali

It-teħid ta' azzjoni għall-viżjoni rurali jeħtieġ l-involvement ta' ħafna partijiet ikkonċernati differenti, iżda normalment ikun hemm attur wieħed — individwu, grupp żgħir ta' persuni jew organizzazzjoni waħda — li jibda l-proċess ta' żvilupp jew jaġixxi bħala l-katalizzatur tiegħu. **"Mexxejja lokali"** bħal dawn jistgħu jiġu mis-settur pubbliku, privat jew ċivili, iżda jeħtieġ li jkunu kkaratterizzati minn, tal-anqas, il-kapaċità li **jispiraw, jimmotivaw u jimmobilizzaw** lil ħaddieħor fit-territorju, u mill-**ispirtu pubbliku** jew mis-sens ta' ġid komuni.

Il-mexxej lokali m'għandux jitqies li jirrappreżenta interess politiku jew ekonomiku wieħed, iżda li jsegwi proċess inklużiv u demokratiku. Il-mexxejja lokali jistgħu jaqdu r-rwol ta' "promoturi" (li jsemmgħu lefninghom dwar kawża importanti għall-komunità lokali), ta' "ambaxxaturi" (li jirrappreżentaw ċerti valuri u jimmobilizzaw il-komunità tagħhom) jew ta' "medjaturi" (li jaqqugħu flimkien atturi jew interessi diversi u jrawmu s-sinerġiji bejniethom).

Dawn in-nies jew l-organizzazzjonijiet m'għandhomx jaħdmu b'mod iżolat, iżda flimkien ma' network ta' appoġġ biex jiżguraw l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fit-tul. L-iżgurar tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ (ara materjal utli mill-[Generation Europe Academy](#)), in-nisa u r-rappreżentanti tan-negozji huwa kruċjali.

F'żoni rurali mbiegħda fil-Bulgarija, is-[Sun Land Foundation](#) qed taħdem ma' madwar 30 raħal, billi tuża l-medjazzjoni kulturali bħala metodu biex trawwem rabtiet bejn il-ġenerazzjonijiet u bejn is-setturi. L-inizjattiva ġġib lil artisti żgħażaġħ biex joqogħdu ma' nisa rurali anzjani sabiex jitravmu r-rabtiet interġenerazzjonali u l-kapital soċjali, u b'hekk tiżdied ir-reżiljenza tal-komunità.



Iż-żgħażaġħ joħolqu soluzzjonijiet adattati flimkien mar-raħħala (pereżempju, xogħol ta' rinovazzjoni f'binja ta' skola antika) biex jagħmlu l-irħula spazji adattati għall-għajxien u jiddemokratizzaw l-aċċess għar-riżorsi. Il-kultura tintuża bħala mezz ta' ingranaġġ biex jiġu indirizzati l-iżolament soċjali, is-saħħa mentali u problemi urġenti oħrajn f'dan il-pajjiż li għandu l-aktar rata mgħaġġla ta' depopolazzjoni fid-dinja. Bis-saħħa tal-medjaturi kulturali, xi rħula issa qegħdin jattiraw familji ġodda biex jistabbilixxu ħajjithom hemmhekk.

Ara wkoll kif ir-Raħal Intelliġenti Netherlandiż ta' [Hilvarenbeek](#) jappoġġa l-inizjattivi taċ-ċittadini permezz ta' network ta' konsulenti lokali għall-iżvilupp.

4.2 Jadottaw sistema organizzazzjonali xierqa li tippermetti parteċipazzjoni wiesgħa

Id-dinamiċi l-ġodda jeħtieġu sistema organizzazzjonali li tippermetti l-involvement ta' tipi differenti ta' partijiet ikkonċernati, tteġġeġ parteċipazzjoni wiesgħa, u tgħaqqad it-teħid ta' deċiżjonijiet b'mod demokratiku mal-flessibbiltà.

F'ħafna komunitajiet rurali ma hemm l-ebda ħtieġa li jiġu stabbiliti organizzazzjonijiet jew strutturi ġodda, peress li diġà hemm strutturi fis-seħħ li jistgħu jaqdu dan ir-rwol. L-eżempji jinkludu organizzazzjonijiet tal-moviment tal-irħula, sħubijiet LEADER (Liaisons entre actions de développement de l'économie rurale) li jaħdmu kif suppost u xprunaturi ta' inizjattivi ta' Rħula Intelliġenti.

Madankollu, dawn jista' jkollhom bżonn isaħħu u jibnu l-kapaċitajiet biex ikopru firxa usa' ta' oqsma tematiċi ta' importanza kbira għat-territorju — bħall-mobilità, is-saħħa, il-kultura — permezz ta' politiki nazzjonali/reġjonali mmirati (ara aktar 'il quddiem). Dan jista' jkompli jappoġġa s-sensibilizzazzjoni tal-istrutturi lokali fost il-komunitajiet tagħhom u ż-żieda ta' alleati ġodda.

F'komunitajiet oħra, il-partijiet ikkonċernati ewlenin jistgħu jagħżlu li ma jużawx strutturi eżistenti jew ġodda, iżda sempliċement jiddeskrivu l-għanijiet, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet komuni f'kuntratt jew fi ftehim.

Skont il-grad ta' formalizzazzjoni, jista' jkun hemm firxa ta' formati li komunità tista' tadotta:

- **Dikjarazzjoni** komuni jew **dikjarazzjoni ta' intenzjoni** magħmula pubblikament mill-partijiet ikkonċernati lokali;
- **Ftehim ta' Kooperazzjoni** jew **Memorandum ta' Qbil** iffirmat bejn l-atturi ewlenin;
- **Ftehim ta' Sħubija** ma' entità maħtura li tirrappreżenta lis-sħab, bħala sieħeb ewleni jew korp responsabbli — dan huwa l-każ b'LEADER f'xi Stati Membri fejn il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) m'għandhomx entità legali, iżda jivvutaw lil wieħed mis-sħab biex iservi bħala l-korp responsabbli;
- Il-partijiet ikkonċernati li jissottoskrivu għal **strument legali formali** (ara l-eżempju tal-Karta tal-Pajsaġġ aktar 'il quddiem);
- **Uffiċċju dedikat** stabbilit mill-partijiet ikkonċernati ewlenin biex jappoġġa l-kooperazzjoni bejniethom — pereżempju, muniċipalitajiet li jingħaqdu flimkien biex jistabbilixxu struttura intermuniċipali;
- **Entità legali** dedikata stabbilita għall-implimentazzjoni tal-istrateġija jew tal-pjan ta' azzjoni — ħafna GAL ta' LEADER għandhom l-istruttura ta' organizzazzjoni nongovernattiva (NGO, Non-Governmental Organisation), u huma stabbiliti speċifikament għall-implimentazzjoni tal-istrateġija lokali, filwaqt li oħrajn joperaw bħala kumpaniji privati mingħajr skop ta' qligħ.



Arranġamenti aktar informali

- dikjarazzjoni jew dikjarazzjoni ta' intenzjoni
- Ftehim ta' Kooperazzjoni jew Memorandum ta' Qbil



Livell medju ta' formalizzazzjoni

- il-partijiet ikkonċernati jissottoskrivu għal strument legali formali
- Ftehim ta' Sħubija ma' entità maħtura



Arranġamenti aktar formali

- struttura jew uffiċċju konġunt biex jappoġġa l-kooperazzjoni
- entità ġuridika dedikata għall-implimentazzjoni tal-istrateġija jew tal-pjan ta' azzjoni

Il-Karta tal-Pajsaġġ ta' Katalunja (Spanja) hija strument legali volontarju li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati lokali jaħdmu flimkien biex ijejbuh l-pajsaġġ u jeqilbuh f'assi għall-futur. Il-kontea ta' Priorat qed tuża din il-Karta bħala bażi għal żvilupp lokali aktar mifruż, li jippermetti lill-komunità tistudja l-isfidi lokali u ssib soluzzjonijiet adattati biex tindirizza d-depopolazzjoni, is-sovranietà tal-ikel u tal-enerġija, l-agrikoltura u d-diversifikazzjoni ekonomika.



L-istruttura ta' governanza tinvolvi korpi konsultattivi tal-Kummissjoni għall-Pajsaġġ u għas-Sostenibbiltà, appoġġati mill-Uffiċċju tal-Pajsaġġ u minn diversi dipartimenti governattivi tar-reġjun, kif ukoll minn fora parteċipattivi ta' partijiet ikkonċernati interessati li jgħinu biex iħeġġu d-dibattitu u jiprunaw inizzjattivi.

Il-Karta tal-Pajsaġġ ta' Priorat hija appoġġata permezz tal-istrateġija LEADER lokali u tinvolvi l-kooperazzjoni msaħħa fost il-kunsill tal-kontea, l-Uffiċċju tal-Pajsaġġ u l-GAL. F'dan is-sens, il-Karta hija għodda għall-koordinazzjoni tal-iżvilupp lokali, għall-azzjonijiet ta' ppjanar f'żoni ġodda u li qabel ma kinux indirizzati, u hija marbuta ma' politiki ta' livell ogħla, b'mod partikolari l-Patt Rurali Katalan.

Ara wkoll eżempju Franċiż ta' korp interkomunali dedikat li jippermetti t-teħid ta' azzjoni konġunta: Il-preżentazzjoni u l-vidjo ta' Pays Vallée du Loir dwar it-trawwim tal-koeżjoni territorjali permezz ta' strument dedikat, "Fostering territorial cohesion through a dedicated instrument".

4.3 Jaqblu fuq viżjoni u pjan kondiviżi b'azzjonijiet trasformattivi wisgħin

L-azzjoni trasformattiva meħuda fil-livell lokali biex jiġi indirizzati l-ħtiġijiet u biex iż-żoni rurali jsiru aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperu għandha tkun koerenti u ppjanata sew.

Haġna żoni rurali diġà huma koperti minn diversi strateġiji u pjanijiet, u jista' ma jkunx neċessarju — jew saħansitra rakkomandabbli — li l-komunità tiġi mmobilizzata biex tiżviluppa dokument strateġiku ieħor. Madankollu, ikun utli għall-komunità kollha li taqbel dwar **viżjoni komuni ġenerali** għaż-żona tagħhom fil-ġejjieni, u għall-atturi rilevanti li jkunu jafu **kif l-azzjoni tagħhom tikkontribwixxi għall-viżjoni kumplessiva**, anke jekk tkun iffinanzjata minn strateġiji jew minn programmi fil-livell nazzjonali jew reġjonali.

Viżjoni komuni bħal din għandha tiegħu **inizzjattivi diġà eżistenti bħala punt tat-tluq** u tkopri **firxa usa' ta' temi**: l-ekonomija, l-ambjent, l-infrastruttura, jew is-servizzi bħas-saħħa, l-edukazzjoni, il-mobilità, l-akkomodazzjoni. Il-viżjoni rurali tista' sservi bħala qafas ġenerali biex jiġu esplorati temi rilevanti għaż-żoni. Jista' jkun proċess twil u gradwali skont il-ħtiġijiet fil-livell lokali, peress li l-partijiet ikkonċernati lokali jaf ma jkunux jistgħu jaġixxu fuq dawn it-temi kollha sa mill-bidu nett.

In-Nockregion fil-Karintja ta' Fuq għandu l-għan li jsir l-aqwa reġjun fl-Awstrija għall-ħajja u għax-xogħol. Il-GAL tan-Nockregion organizza gruppi ta' ħidma li jinvolvu 800 persuna u żviluppa strateġija unika li tiddekrivi l-ambizzjonijiet taż-żona.



Peress li l-finanzjament ta' LEADER ma huwiex biżżejjed biex jinkiseb dan kollu, il-GAL juża wkoll il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) u sorsi oħra ta' finanzjament tal-UE u nazzjonali, b'tali mod li LEADER jirrappreżenta 30 % biss mill-baġit totali tiegħu.

Il-GAL jipprova wkoll jinvolvi ruħu ma' politiki ta' livell ogħla, pereżempju l-manijer tal-GAL kien involut fil-bord nazzjonali li jindirizza t-tibdil demografiku, għalkemm rabtiet bħal dawn għadhom pjuttost limitati.

Ara wkoll eżempju Franċiż ta' territorju innovattiv u n-network tiegħu ta' diversi atturi, mobilizzati fuq il-bażi ta' viżjoni kondiviża b'ħames sfidi: Il-preżentazzjoni u l-vidjo dwar "In-Nies u s-Siġar" (Fr. "Des Hommes et des Arbres").

Tixtieq tagħmel xi ħaġa fiż-żona rurali tiegħek, iżda ma tafx minn fejn se tibda? Diġà jeżistu diversi għodod.

- Il-proġett iffinanzjat mill-UE **Smart Rural 21** (2020–2022) ta appoġġ lill-komunitajiet rurali (irħula) fl-iżvilupp ta' strateġiji ta' Rħula Intelliġenti u fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet innovattivi. Ir-rapport finali u l-fuljett fihom sensiela ta' **għodod komunitarji, soluzzjonijiet lokali innovattivi**, u tagħlimiet miksuba mill-ħidma mal-komunitajiet.
- Il-Kumpass għall-Emanċipazzjoni Lokali fiż-żoni rurali, "**Compass for Local Empowerment in rural areas**", mill-Alleanza tal-Komunità Rurali Ewropea (ERCA, European Rural Community Alliance) jipprovdi firxa ta' għodod u ta' eżempji siewja.
- It-Toolkit LEADER tal-UE, b'mod partikolari t-taqsimu dwar kif tiffirma Grupp ta' Azzjoni Lokali (GAL), "**How to form a Local Action Group (LAG?)**", jagħtu suġġerimenti utli.
- Ir-Rural toolkit dwar il-finanzjament tal-UE jiġbor informazzjoni dwar sorsi potenzjali ta' finanzjament u ta' appoġġ għall-inizzjattivi lokali.



5. X'għandhom jagħmlu dawk li jfasslu l-politika biex jippermettu li tittieħed azzjoni?

5.1 Jagħrfu lill-mexxejja lokali u s-sistemi organizzazzjonali tagħhom bħala sħab f'governanza ġenwina fuq diversi livelli

Il-Pjattaforma tal-Komunitajiet tal-Patt Rurali tippermetti l-konnessjoni ta' komunitajiet pari minn madwar l-Ewropa. Billi jingħaqdu mal-Pjattaforma, il-partijiet ikkonċernati jistgħu jibdeu jew jieħdu sehem f'diskussjonijiet tematiċi permezz ta' gruppi komunitarji, jaqsmu l-esperjenzi, isibu sħab u jaċċessaw materjal utli. L-Osservatorju Rurali huwa sors ta' informazzjoni u data utli dwar iż-żoni rurali tal-UE.

Għalkemm ħafna komunitajiet rurali qed jorganizzaw lilhom infushom biex irawmu l-azzjoni lokali, hemm tendenza li l-isforzi tagħhom jiġu injorati mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali li ta' spiss iqisu lilhom infushom bħala l-ixprunaturi ewlenin tal-bidla rurali.

Filwaqt li huwa rikonoxxut li l-komunitajiet rurali huma l-atturi ewlenin, id-delega tas-

setgħa lilhom sabiex jiddeċiedu x'għandu jsir, u l-involvement tagħhom fl-implimentazzjoni tal-azzjoni lokali fi proċessi ta' governanza f'diversi livelli u b'diversi atturi tista' tkun teħtieġ bidla fil-mentalità. Ara d-Dokument ta' Pożizzjoni ta' SHERPA dwar l-għoti tas-setgħa liż-żoni rurali fi proċessi ta' governanza f'diversi livelli, "[Empowering rural areas in multi-level governance processes](#)"; għal ideat utli dwar kif dan jista' jinkiseb.

Xi komunitajiet jistgħu jkunu jixtiequ jsejħu l-azzjonijiet tagħhom "Patt Rurali lokali" bħala mod kif jindikaw l-impenn tagħhom li jagħxu għall-viżjoni rurali. Ir-rabta ma' din l-inizjattiva politika Ewropea tista' wkoll tikseb rikonoxximent għal dawk iż-żoni mill-awtoritajiet reġjonali, nazzjonali jew Ewropej. Komunitajiet li jinsabu fi stadju avanzat sew fl-istabbiliment tal-elementi msemmija qabel (fis-subtaqsijiet 4.1, 4.2 u 4.3) jew oħrajn jistgħu jikkunsidraw l-użu tal-marka "Patt Rurali" biex iżidu l-viżibbiltà tagħhom, joħolqu sensibbilizzazzjoni dwar l-isforzi tagħhom, u jingħaqdu ma' komunitajiet oħra li jimplimentaw approċċi simili.

F'ħafna rħula Netherlandiżi, il-komunitajiet lokali huma mistiedna jagħmlu proposti għal azzjoni trasformattiva biex jindirizzaw l-isfidi lokali. Dawn jiżviluppaw "Pjanijiet tal-Irħula" li, malli l-komunità u l-muniċipalità jaqblu dwar kif jaqsmu l-ħidma, isiru "Patti tal-Irħula".



Dan huwa parti mill-isforz tal-gvern biex jagħti aktar responsabbiltà lin-nies lokali u tinxteħet anqas enfasi fuq l-istat. Pereżempju, il-komunità lokali għandha s-setgħa li tikkontesta dak li jkun qed jagħmlu l-awtoritajiet pubbliċi, u tiegħu f'idejha s-servizzi pubbliċi jekk ma tkunx sodisfatta bil-mod kif jiġu pprovduti.

L-ewwel ġenerazzjoni tal-"Pjanijiet tal-Irħula" ffukat l-aktar fuq dak li l-abitanti tal-irħula jixtiequ li jagħmel il-gvern, filwaqt li l-pjanijiet ta' wara jiffukaw aktar fuq dak li n-nies stess jistgħu jagħmlu.

L-eżempju Katalan (is-subtaqsima 4.2) juri wkoll kif dipartimenti differenti tal-gvern reġjonali jaħdmu mal-inizjattiva lokali biex jippermettu koordinazzjoni aktar effettiva ta' diversi politiki mmirati lejn iż-żoni rurali.

5.2 Jorganizzaw u/jew jiffinanzjaw il-bini tal-kapaċitajiet lokali

ekk il-komunitajiet lokali jaqdu rwol akbar fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' azzjoni trasformattiva lokali li tkopri l-oqsma tematiċi kollha tal-viżjoni rurali, jeħtieġ li jkollhom il-kapaċità li jagħmlu dan. Dan jinkludi **l-għarfien, il-ħiliet, u r-riżorsi umani u finanzjarji** biex ikunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom.

Il-bini tal-kapaċitajiet — l-għoti ta' taħriġ, ta' pariri, ta' tagħlim bejn il-pari u ta' informazzjoni, kif ukoll il-finanzjament għall-persunal, għat-tagħmir tal-uffiċċju u għall-ivvjaġġar — huwa kundizzjoni essenzjali għall-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet rurali. Jeħtieġ li korsijiet, helpdesks u għodod online mfassla apposta li jipprovdu informazzjoni faċli biex tinftiehem u pariri mmirati jkunu aċċessibbli għal firxa wiesgħa ta' atturi rurali.

Dan għandu jsejnh flimkien ma' **animazzjoni komunitarja** fuq il-post, speċjalment f'dawk iż-żoni fejn għadu mhuwiex qed isejnh xejn jew ftit li xejn. Huwa importanti ħafna wkoll li l-komunitajiet rurali jiġu pprovduti b'opportunitajiet biex jitgħallmu minn xulxin permezz ta' laqgħat ta' networking, żjarat ta' studju jew traineeships.

Fl-aħħar nett, il-finanzjament irid ikun disponibbli għall-**ispejjeż bażiċi** tat-tmexxija ta' uffiċċju u tal-impjeg tal-persuni li jkomplu jimmobilizzaw lill-atturi lokali b'rabta mal-pjan ta' azzjoni u jiżguraw l-implimentazzjoni konsistenti tiegħu. Il-bini tal-kapaċitajiet bħal dan jista' jiġi ffinanzjat, pereżempju, permezz ta' assistenza teknika disponibbli għall-awtoritajiet maniġerjali responsabbli għall-finanzjament tal-UE.

Il-komunitajiet Skoċċiżi jistgħu jiżviluppaw Pjanijiet Lokali tal-Post ("[Local Place Plans](#)") li jistabbilixxu proposti għall-iżvilupp u għall-użu tal-art. Ladarba jiġu rreġistrati mal-awtorità lokali rilevanti, dawn isiru parti mis-sistema tal-ippjanar Skoċċiża u jridu jiġu kkunsidrati.



Il-korp komunitarju stabbilit biex jiżviluppa l-Pjan ikun responsabbli għat-twettiq tiegħu. [Gwida speċjali](#) b'lingwaġġ ċar u sempliċi tgħin lill-komunitajiet jgħaddu mill-proċess, u jeżistu diversi organizzazzjonijiet li jistgħu jfttxu l-appoġġ mingħandhom.

L-għajjnuna fl-iżvilupp tal-Pjan tista' tiġi wkoll mit-timijiet tat-Tagħlim u l-Iżvilupp tal-Komunità bbażati fi ħdan l-awtoritajiet lokali, jew minn dipartimenti tal-ippjanar lokali.

Jista' jinkiseb appoġġ addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-Pjan. Pereżempju, l-Alleanza ta' Langholm irċiviet finanzjament għal żewġ karigi, maniġer tal-intrapriża komunitarja u assistent tal-proġetti, mill-Aġenzija South of Scotland Enterprise.

5.3 Foster coordinated action

Sistemi u mekkaniżmi xierqa ta' governanza li jgħaqqdu sorsi differenti ta' finanzjament u jrawmu sinerġiji ġew identifikati bħala wieħed mill-[ingredjenti ewlenin tal-Patt Rurali fil-livell nazzjonali](#). Madankollu, ma huwiex biżżejjed li jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-komplementarjetà fil-livell tal-politika — huwa importanti li dan jissarraf f'azzjoni prattika fuq il-post.

Idealment, il-komunitajiet rurali jkollhom spazju minn fejn jiksibu informazzjoni trasparenti u jgħidu tagħhom dwar varjetà ta' suġġetti relatati mal-politika u mal-finanzjament, mingħajr ma jkollhom jinnavigaw istituzzjonijiet differenti jew regoli u proċeduri diverġenti. Mhuwiex neċessarju, u lanqas fattibbli, li jiġi żgurat li spazju bħal dan ikun disponibbli f'kull komunità rurali, iżda ma għandux ikun imbiegħed wisq mill-atturi rurali — soluzzjoni raġonevoli tista' tkun fil-livell subreġjonali (NUTS 3).

Huwa importanti wkoll li jitrawmu l-iskambju tal-esperjenzi, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni; li tinbena l-fiduċja bejn l-awtoritajiet responsabbli għal sorsi ta' finanzjament differenti; u li jiġi żgurat li jifhemu bl-istess mod il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-komunitajiet rurali.

F'xi reġjuni Taljani, l-implimentazzjoni tal-LEADER (iffinanzjat permezz tal-FAEŻR) tikkomplementa l-Istrateġija tal-gvern dwar iż-Żoni Interni (IAS, Inner Areas Strategy) li għandha l-għan li ssaħħa l-istruttura demografika taż-żoni rurali.



Il-GAL ta' [MontagnAppenino](#) fit-Toskana jaġixxi bħala animatur għall-iżvilupp rurali li jappoġġa lill-għaqda tal-muniċipalitajiet fl-implimentazzjoni tal-IAS. Kooperazzjoni bħal din toħloq sinerġiji, bl-IAS li primarjament tiffinanzja miżuri implimentati minn entitajiet pubbliċi, pereżempju proġetti infrastrutturali li jindirizzaw id-depopolazzjoni u l-esklużjoni soċjali, u l-GAL li jappoġġa proġetti kollaborattivi dwar l-iżvilupp tal-komunità, negozji mhux agrikoli u l-innovazzjoni.

Il-GAL jipprovdi wkoll appoġġ tekniku lill-entitajiet pubbliċi li japplikaw għall-finanzjament tal-IAS. Fil-perjodu 2021–2027, il-GAL se jimmaniġġjaw ukoll uħud mill-miżuri tal-IAS.

Ara wkoll eżempju ta' koordinazzjoni tal-fondi fil-livell reġjonali fil-[Finlandja](#). Għal ideat dwar kif in-networking jista' jgħin fil-bini ta' fehim komuni, fit-trawwim tal-kooperazzjoni u tal-fiduċja bejn l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-finanzjament, ara l-eżempju mill-livell fil-pubblikazzjoni dwar l-appoġġ min-[Network Rurali Nazzjonali \(NRN\)](#) għall-implimentazzjoni tal-LEADER/żvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD, Community-Led Local Development) "[NRN support for LEADER/CLLD implementation](#)" (p.5).

5.4 Itejbju l-aċċess għall-finanzjament u jnaqqsu l-burokrazija

Il-komunitajiet lokali mhux se jkunu jistgħu jimplimentaw l-azzjoni trasformattiva tagħhom mingħajr aċċess għal skemi ta' finanzjament li jkunu **flessibbli** biżżejjed biex iwieġbu għal varjetà kbira ta' ħtiġijiet, u **sempliċi** biżżejjed biex jippermettu lill-promoturi tal-proġetti lokali jiksibu finanzjament mingħajr ma jiffaċċjaw ostakli amministrattivi eċċessivi.

[Ir-Rural toolkit dwar il-finanzjament tal-UE](#) (ara l-kaxxa fil-p. 5) huwa wkoll għodda siewja li tgħin lill-komunitajiet rurali jinnavigaw il-qasam kumpless tal-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE.

Xi awtoritajiet ta' ġestjoni nazzjonali jew reġjonali jiżviluppaw regoli u kundizzjonijiet ikkumplikati għall-amministrazzjoni tal-fondi tal-UE, li jmorru ferm lil hinn mil-leġiżlazzjoni tal-UE (kultant imsejħa "kisi bid-deheb").

B'riżultat ta' dan, ħafna atturi lokali ma jkunux lesti li japplikaw għal appoġġ jew jabbandunaw il-proġetti tagħhom minħabba proċessi deċiżjonali twal — dan joħloq stampa negattiva tal-finanzjament Ewropew f'ħafna komunitajiet lokali. Għalhekk, it-tqarrib tal-Patt Rurali u l-viżjoni mqarriba lejn iċ-ċittadini għandhom ikunu marbuta **mar-razzjonalizzazzjoni u mas-simplifikazzjoni** tal-aċċess għall-finanzjament tal-UE.

Metodu importanti ta' simplifikazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament

Tista' tesplora suġġerimenti addizzjonali dwar il-mobilizzazzjoni ta' atturi differenti għall-implimentazzjoni tal-viżjoni rurali fl-opinjoni tal-[Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew \(KESE\)](#) "Lejn involviment akbar tal-Istati Membri, tar-reġjuni u tal-atturi tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE".

huwa l-użu ta' Għażliet ta' Spejjeż I-simplifikati (SCOs, Simplified Cost Options). Dan ma jirrikjedix li l-benefiċjarji jżommu rekord ta' kull nefqa individwali fuq il-proġett tagħhom. Jeħtieġ biss li juru li jkunu kisbu l-eżiti u

r-riżultati miftiehma u li jitħallsu fuq din il-bażi.

Fil-Finlandja, [sistema ta' SCO](#) (somom f'daqqa) diġà kienet intużat għal ħafna proġetti rurali fil-perjodu 2014–2020, kemm fil-kuntest tal-LEADER kif ukoll ta' miżuri oħra. Il-proċess sempliċi ta' applikazzjoni ħeġġeġ lil ħafna benefiċjarji żgħar jew tal-ewwel darba biex jiżviluppaw ideat għal proġetti, u l-konsulenti tal-GAL tal-LEADER kienu lesti biex jgħinu jagħżlu l-aħjar għażla ta' finanzjament.

Mod ieħor kif jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament għall-benefiċjarji fuq skala żgħira huwa l-użu ta' "proġetti umbrella" (pakketti ta' operazzjonijiet żgħar li, għal skopijiet amministrattivi, jiġu ttrattati bħala proġett wieħed). Għal aktar eżempji ta' tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-atturi lokali, ara l-gwida tan-[Network Ewropew](#) dwar iż-Żoni tas-Sajd (FARNET, European Fisheries Areas Network) dwar it-tweqqif effettiv tas-CLLD, "[Delivering CLLD effectively](#)".



Issieħeb fil-Komunità tal-Patt Rurali u fil-pjattaforma online
https://ruralpact.rural-vision.europa.eu/become-member_en



 www.ruralpact.rural-vision.europa.eu

 info@rural-pact.eu

Awtriċi: Urszula Budzich-Tabor

Appoġġ: Enrique Nieto, Paul Soto, Pascale van Doren

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025

© L-Unjoni Ewropea, 2025. CC-BY 4.0

Ritratti tal-qoxra: © andresr, Canva.com

Dan il-programm huwa implimentat minn



PRINT ISBN 978-92-68-22340-6 doi:10.2762/7366464 KF-01-24-027-MT-C

PDF ISBN 978-92-68-22339-0 doi:10.2762/0465096 KF-01-24-027-MT-N



Iffinanzjat
mill-Unjoni Ewropea